# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 29 ta' Jannar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 68/2024 CL

**MIB (Malta) Limited (C3540)**

**vs**

**Adrian Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-8 ta' Marzu, 2024 illi fis-26 ta' Settembru 2021, kien dahal l-ilma fil-propjeta' ta' Rosemarie Calleja fil-Qawra, li hija assikuratrici mas-socjeta rikorrenti. Illi tali perkolazzjoni tal-ilma sehhet a kagun tal-konvenut Adrian Muscat stante negligenza u dan kif ser jigi pruvat tul dawn il-proceduri. Minkejja li gie debitament interpellat anke permezz tal-ittra ufficjali 3843/2023 il-konvenut baqa' jikkontesta t-talbiet u b'hekk kellha ssir din il-kawza.Ghalhekk talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni naxxenti minn influss tal ilma fl-ammont ta' €3,706 u jordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' €3,706 f'danni lis-socjeta' attrici fi zmien hekk stabbilit mill-istess Tribunal, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali numru 3843/2023.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu, jew xi rapprezentant legali tieghu ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenut, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2024. Fl-istess seduta gew ipprezentati tlett affidavit u dokumenti annessi, u giet ipprezentata ukoll kapitoli fil-konfront tal-konvenut. Fis- seduta ta' wara, li kienet fl-4 ta' Dicembru 2024, il-konvenut msejjjah ghas-subizzjoni ma deherx u lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti li gew ipprezentant fosthom l-ittra ufficjali u l-affidavit ta' Pearl Ann Micallef in rapprezentanza ta' socjeta attrici, li iddikjarat illi huma kienu appuntaw lil James Magri bhala *loss adjustor* wara li kienet saret claim maghhom minn Rosemarie Calleja li thalset l-ammont ta' €3,706. Rosemarie Calleja ikkonfermat illi kienet thalset l-ammont ta' €3706 a saldu tal-claim taghha mas-socjeta attrici wara li fis-26 ta' Settembru 2021 ghas-2.00pm waqt illi kienet id-dar, innutat l-ilma gejja mill-propjeta tal-konvenut li ikkawzalha hsarat fil-bieb tal-kamra tal-banju, il-hitan u s-soqfa u l-kcina. James Magri xehed illi fl-1 ta' Frar 2022 mar biex jaghmel survey fil-propjeta' ta' Rosemarie Calleja wara li ghamlet claim mas-socjeta attrici kawza tad-dhul tal-ilma. Waqt is-survey gew innutati hsarat fil-bieb tal-kamra tal-banju, hsara fis-saqaf u l-hitan tal-kamra tal-banju, kuritur u kcina u hsara fil-kcina kagun tal-ilma. Kien evidenti li l-hsarat kienu gejjin mil-propjeta' sovrastanti u s-sinjura Calleja kienet innutat taqtir fil-kamra tal-banju li mal-hin beda jinfirex ghal kuritur u mexa ghal-kcina. Hi kienet avzat l-inkwilin tal-appartament ta' fuqha b'din il-hsara biex jinforma lis-sid Adrian Muscat. Wara ftit gimghatat innutat illi l-ilma ma baqax diehel fil-propjeta' taghha u ghalhekk kienet fethet il-claim ghad-danni li sofriet.

Ghalkemm il-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni flimkien mal-provi li gew ipprezentati l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u sitt euro (€3,706) bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu 2024, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 3843/2023 ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**